**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.11:** **Kif għandna nġibu ruħna**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jagħrfu kif jistgħu ikunu tassew aħwa ta' xulxin permezz ta' eżempji konkreti.
2. Jitgħallmu dan il-kunċett permezz ta' eżempji konkreti.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- PPT presentation li turi stampi differenti li ser jintużaw matul il-lezzjoni.

- Karta ta' taħriġ: 3.7

- Karta Addizzjonali ċ.



**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi turi l-4 stampi ta' tfal li qed jgħinu fix-xogħol tad-dar.
- Ħeġġeġ lit-tfal jispjegaw dak li qed jaraw u permezz ta' mistoqsijiet diretti għinhom jikkonkludu li t-tfal fl-istampi qed jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-oħrajn.
- Spjega kif dawn it-tfal li hemm fl-istampi lkoll qed jgħidu 'JIENA NĦOBBOK' mhux bil-kliem biss iżda b'dak li qed jagħmlu.



**Nisimgħu flimkien:**

- Staqsi lit-tfal lil min jixbhu dawk it-tfal li raw fl-istampi.
- Għinhom jikkonkludu kif huma lkoll jixbhu lil Ġesù.
- Spjega kif permezz tal-Bibbja aħna nafu kif Ġesù kien iħobb lill-oħrajn billi jgħin lill-morda u jfejjaqhom, lin-nies bil-ġuħ kien jitmagħhom, lil dawk imdejqa kien jagħmilhom ferħana u kien jagħmel il-ġid ma' kulħadd.



**Nikbru flimkien:**

- Staqsi lit-tfal biex jaħsbu u jiddiskutu flimkien fil-klassi, kif huma jistgħu juru l-imħabba tagħhom lejn xulxin.
- Għinhom permezz ta' mistoqsijiet diretti.
- Bħala għajnuna uri wkoll xi stampi ta' tfal jgħinu lil xulxin.
- B'hekk it-tfal mistennija jifhmu kif bħal Ġesù aħna nistgħu inħobbu lil xulxin bħal aħwa u nuru mħabbitna b'modi differenti.
- Spjega l-karta ta' taħriġ 3.7 u wara diskussjoni għen lit-tfal jaħdmu din il-karta billi jagħrfu liema stampi huma ta' mġiba tajba u dawk ta' mġiba ħażina.

Fakkar li:

1. Kemm hu sew li huma jgħinu fid-dar, fl-iskola u kull fejn ikunu.
2. Meta jagħtu l-għajnuna lil xulxin ikunu tassew qed iħobbu lil Ġesù.
3. Jgħidu 'nħobbok' meta jgħinu bil-fatti u mhux bil-kliem biss.

**Nagħżlu flimkien:**

- Irrakkonta l-episodju meta darba waħda Ġesù qal lill-ħbieb tiegħu dan il-kliem: "Intom tridu tkunu ħbieb tiegħi? Jekk tridu tkunu ħbieb tiegħi, ħobbu lil xulxin bħal ma ħabbejtkom jien. Meta tħobbu lil xulxin jien inkun magħkom".
- Ħeġġeġ għalhekk lit-tfal jispjegaw kif huma bi ħsiebhom iħobbu lil xulxin bħal aħwa kemm fl-iskola kif ukoll id-dar u x'ser jagħmlu biex juru dan.

- Qassam il-karta ta' taħriġ addizzjonali (jekk tixtieq) lit-tfal u spjega x'inhu mistenni minnhom.
- Iddiskuti flimkien mat-tfal l-istampi li hemm fil-karta ta' taħriġ.
- Agħti ħin biżżejjed sabiex it-tfal jaħdmu l-eżerċizzju u jpinġu biss l-istampi li juru imġieba ta' aħwa.
- ***Inħobbu bil-fatti u mhux bil-kliem.***

